# INT MA TGĦID XEJN?

## Quddiem xbieha tal-Qalb ta' Ġesù

*Ta'* Norbert M. DeGabriele, O. Carm

...U Int hawnhekk! Qed tara ħiemed tiġri
Ġo qlub ir-rgħiba; u jagħtu lkoll minkbejn
Għall-faqar li fih għext... Madankollu
Int ma tgħid xejn!

Tintesa qiegħda ġrajja fuq muntanja,
Li biha ridt li tħallas tagħna d-dejn;
U għalkemm sikwit xi bniedem joqtol ieħor,
Int ma tgħid xejn!

Mormija l-ġilji bojod minn dal-bniedem
Għax fih is-safa ma tinsabx. Int bejn
Trid terġa' ssawtu b'nerv, 'mma sieket tibqa'
U ma tgħid xejn!

Qed tqum kull belt għall-oħra ta' maġenbha,
U nar mis-sema qed jaqa' f'ħaddejn
L-imsejkna tfal. Int twaqqa' demgħa ċkejkna,
'Mma ma tgħid xejn!

Nitriegħed ħdejk! X'ħin qalbek l-aktar ħelwa
Tinqasam b'dagħwa b'Ismek, hekk, għalxejn;
U nilmħek ġwejjed hemm. 'Mma din id-darba...
Kif? Ma tgħid xejn?